MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 217/2010

Kawza fil-lista: 53

**G Q**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno, nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E T; H T u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta H T twieldet il-minuri E T fl-24 ta’ Marzu 2000 li fuq l-att tat-twelid numru 1146/00 giet imnizzla bhala bint missier mhux maghruf; li huwa jgharaf lit-tifla bhala bintu u ried jikkonoxxiha, u ghal dan il-ghan huwa baghat ittra ufficjali fi Frar 2009 lill-istess konvenuta li, ghalkemm debitament

notifikata, ghazlet li ma tagixxix; ghalhekk qed jitlob minn din il-Qorti [1] dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-imsemmija tifla hija l-wild naturali tieghu, [2] ordni li c-certifikat tat-twelid taghha jigi debitament korrett;  u [3] l-kura u kustodja tal-minuri, jew sekondarjament li jinghata access ghall-istess;  bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li f' dak l-istadju ma' kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn irrefera ghall-artikolu 100A tal-Kap.16;

Rat li l-konvenuta H T ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat il-kopja tal-l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2009 debitament notifikata lill-konvenuta H T;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal registrat mill-Agenzija Appogg fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2011 fis-sens li l-minuri kienet taht ordni ghall-harsien;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg talbiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-imsemmija tifla hija l-wild naturali tieghu, korrezzjoni debita fl-att tat-twelid ta' l-istess tifla, kif ukoll il-kura u kustodja ta' l-istess, jew, sekondarjament access ghaliha.

Illi dak premess mill-attur jirrizulta sodisfacentement provat u konfermat, li rizultat ta’ relazzjoni esklussiva li dan kellu mal-konvenuta H T, dina kienet harget tqila, u eventwalment twieldet il-minuri E fl-24 ta’ Marzu 2000. L-istess konvenuta tikkonferma li r-relazzjoni kienet wahda esklussiva, u li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla. Dan jinsab korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur segwa l-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap.16, il-konvenuta H T kienet baqghet inadempjenti, ghalkemm kienet “certa”[1] li t-tifla hija bint l-attur, bir-rizutlat li l-attur kellu jistitwixxi l-proceduri odjerni. Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati minn din il-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet numri wiehed u tnejn, u tiddikjara li t-tifla E li twieled fl-24 ta’ Marzu 2000 hija l-wild naturali u bijologika ta’ l-attur G Q, u ghalhekk tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid;

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkunu kollha a kariku tal-konvenuta H T.

Illi rigward it-tielet talba, tenut kont li fil-prezent il-minuri qeda taght ordni tal-harsien, u wkoll qabel ma din il-Qorti tipprocedi bil-kawza, ghandha ssir il-procedura tal-medjazzjoni, il-Qorti qed tirrizerva li tiddecidi dwar it-tielet talba fi stadju ulterjuri.

Ghalhekk tordna li l-kawza tibqa’ differita ghall-informazzjoni ulterjuri.

[1] Fol.57

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------